



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 27 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11084/23

SUSTDEV 100
ONU 43
ENV 751
DEVGEN 131
AG 64

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Ġunju 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10629/23 + ADD 1	
Suġġett:	L-UE f'nofs l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030: Immexxu l-bidla trasformattiva u nħaffu l-progress fil-livelli kollha - konklużjonijiet tal-Kunsill (27 ta' Ġunju 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-UE f'nofs l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif approvati mill-Kunsill fit-3962 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Ġunju 2023.

**L-UE f'nofs l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030:
Immexxu l-bidla trasformattiva u nħaffu l-progress fil-livelli kollha**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. *JAFFERMA MILL-ĠDID* li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-siġh l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha bħala l-pjan direzzjonali kollettiv tagħna għal ġejjieni sostenibbli. *IFAKKAR* fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017, April 2019, Diċembru 2019 u Ġunju 2021, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2018, kif ukoll il-messaġġi politiċi ewlenin lill-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2023, u *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-impenji li fihom.
2. *JENFASIZZA* li l-paċi, is-sigurtà u r-rispett għad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem huma prerekwiżiti għall-iżvilupp sostenibbli, f'konformità man-natura integrata, indiviżibbli u interkonnessa tal-Aġenda 2030 kif minquxa mill-SDG 16. *ITENNI* l-kundanna determinata tiegħu fir-rigward tal-aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikser b'mod sfaċċat id-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU; *ITENNI* s-solidarjetà tiegħu mal-Ukrajna u mal-poplu Ukren; u *JAPPOĠĠA* l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU lir-Russja biex ittemm l-aggressjoni tagħha.
3. *JINNOTA* li din is-sena timmarka nofs il-perjodu tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u *JESPRIMI TĦASSIB* dwar is-sejbiet tar-Rapport ta' Progress dwar l-SDGs tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li jikkonferma li l-isforzi globali sa issa ma kinux biżżejjed. *JENFASIZZA* li l-istatus quo mhux ser ikun biżżejjed u li huma meħtieġa interventi trasformattivi bbażati fuq l-evidenza u li jwettqu bidla fil-fond, u aktar reżiljenza għal kriżijiet futuri. *JAGĦRAF* il-meħtieġa li jiżdiedu l-isforzi u *JHEĠĠĠEĠ* lill-komunità internazzjonali tħaffef il-progress u twettaq l-impenji u l-azzjonijiet kollettivi dinjin.

QABEL IS-SUMMIT DWAR L-SDGs, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

4. *JIRRIKONOXXI* li d-dinja qed tthabbat wiċċha ma' tensjonijiet ġeopolitiċi dejjem akbar. *ITENNI* l-appoġġ sod tiegħu għal multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tiegħu. B'rabta ma' dan, *JILQA' BI PJACĪR* l-opportunità pprovduta mis-Summit dwar l-SDGs u laqgħat oħrajn ta' livell għoli biex jinbena l-momentum meħtieġ biex tissaħħaħ is-sistema multilaterali u jitħaffef il-progress lejn il-kisba tal-SDGs. F'dan ir-rigward, *JAPPELLA GĦAL* parteċipazzjoni ta' livell għoli fis-Summit dwar l-SDGs.
5. *JAGĦRAF* ir-rwol kruċjali tax-xjenza fil-valutazzjoni tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 kif ukoll ir-rwol li taqdi x-xjenza fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet kruċjali bbażati fuq l-evidenza. *JAPPELLA* biex tingħata attenzjoni partikolari lir-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali (GSDR) tal-2023 u r-rakkomandazzjonijiet li jidentifika bħala kruċjali għall-bidliet trasformattivi meħtieġa biex jinkisbu l-SDGs. B'mod partikolari, *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tqishom b'mod sħiħ fil-proċessi ta' ppjanar tal-politika rilevanti tagħha.
6. *JENFASIZZA* l-ħtieġa kruċjali li tissaħħaħ il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji mis-sorsi kollha, bħall-finanzjament domestiku pubbliku u privat u r-riżorsi internazzjonali, f'konformità mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. *JISĦAQ* li t-titjib tal-flussi finanzjarji attwali u t-tneħħija tal-ostakli għall-flussi potenzjali huma kruċjali sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiksbu l-SDGs, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u li jesperjenzaw vulnerabbiltà akuta.
7. *JESPRIMI* l-appoġġ tiegħu għal riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali li tappoġġa lil dawk l-aktar vulnerabbli filwaqt li tħares il-beni pubbliċi dinjin. *JIRRIKONOXXI* l-momentum mogħti minn diversi inizjattivi li għaddejjin bħalissa, bħall-Aġenda Bridgetown, il-Pjan ta' Stimolu tal-SDGs tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u s-Summit ta' Pariġi għal Patt Finanzjarju Ġdid li jistgħu jagħtu kontribut importanti għas-Summit dwar l-SDGs, id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, il-laqgħat annwali tal-Grupp tal-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali u l-COP 28.

8. *JILQA'* s-sejħa li saret lill-partijiet ikkonċernati kollha tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs) biex jirrifirmaw il-prattiki u l-prijoritajiet tal-banek multilaterali tal-iżvilupp (MDBs) biex jindirizzaw l-isfidi dinjin b'mod sistematiku filwaqt li jżommu l-konċentrazzjoni tagħhom fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-prosperità kondiviża. *JILQA'* wkoll l-appell biex il-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti mal-ħarsien tal-beni pubbliċi dinjin, inkluż perkorsi lejn in-newtralità klimatika u dawk ta' żvilupp reżiljenti għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u lejn il-kisba tal-SDGs. *JINKORAĠĠIXXI* wkoll lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp isaħħu l-għarfien espert tekniku, l-istrumenti u l-istruttura ta' incenċivi li joffru lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jelaboraw, fost oħrajn, proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija li jattiraw investituri privati domestiċi u barranin.
9. *JIRRIKONNOXXI* r-rwol kruċjali tal-kooperazzjoni internazzjonali u li l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-kisba tal-progress lejn l-SDGs. *IFAKKAR* li l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar fornitur ta' ODA fid-dinja u *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-impenn kollettiv tal-UE li jingħata 0.7 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) bħala ODA.
10. *JENFASIZZA* li l-istrateġija tal-Global Gateway ser tikkontribwixxi direttament għall-implimentazzjoni ta' firxa ta' SDGs interkonnessi, bħala l-offerta u l-kontribut effettiv tal-UE biex issaħħaħ il-mezzi tal-implimentazzjoni u terġa' tagħti l-ħajja lis-sħubija dinjija billi tippromwovi investimenti intelliġenti f'infrastruttura ta' kwalità, filwaqt li tirrispetta l-ogħla standards soċjali u ambjentali, f'konformità mal-interessi u l-valuri tal-UE: l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u n-normi u l-istandards internazzjonali.
11. *ITENNI* l-appoġġ tiegħu għar-Riforma tal-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u *JISĦAQ FUQ* ir-rilevanza tat-tkomplija tad-Djalogi Poliċi ta' Livell Għoli bejn in-NU u l-UE biex jiżdiedu l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-effettività tal-azzjonijiet u l-isforzi tagħhom.
12. *JILQA'* r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, "L-Aġenda Komuni Tagħna" ("Our Common Aġenda", OCA) u r-Rapport tal-Bord Konsultattiv ta' Livell Għoli dwar il-Multilateraliżmu Effettiv.

13. *JISTIEDEN* lis-Segretarjat tan-NU jibni fuq l-għarfien u r-rakkomandazzjonijiet tal-GSDR fil-proċessi ta' segwitu għar-rapport OCA, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Konsultattiv ta' Livell Għoli, biex jiġi żgurat progress massimu lejn l-Aġenda 2030. Barra minn hekk *JISTIEDEN* lis-Segretarjat tan-NU jżomm djalogu kontinwu mal-Istati Membri tan-NU b'rabta ma dan.

DWAR RIEŻAMIJET REGOLARI FIL-QAFAS TAL-FORUM POLITIKU TA' LIVELL GĦOLI, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

14. *JISSOTTOLINJA* l-importanza ta' rieżamijiet onesti, inklużivi, ibbażati fuq l-evidenza, orjentati lejn l-azzjoni u li jħarsu 'l quddiem tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. L-UE, li tinsab fuq quddiem nett ta' dik l-implimentazzjoni, għandha rwol sinifikanti x'taqdi f'dan ir-rigward.
15. B'rabta ma' dan, *JILQA' BI PJACĪR* l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-ewwel Rieżami Volontarju tal-UE tal-implimentazzjoni tal-SDGs u l-preżentazzjoni tiegħu fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli f'Lulju 2023. *JINKORAĠĠIXXI* lill-Kummissjoni tuża r-Rieżami Volontarju tal-UE bħala mezz għas-sensibilizzazzjoni u t-tisħiħ ulterjuri tal-implimentazzjoni fil-livelli reġjonali, nazzjonali u lokali.
16. *JINNOTA* li r-Rieżami Volontarju tal-UE huwa primarjament eżerċizzju ta' rappurtar biex jiġu vvalutati l-kisbiet sal-lum u jiġu identifikati l-isfidi u l-lakuni u *JISĦAQ FUQ* il-ħtieġa urġenti li jsir aktar progress fuq approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs sal-2030 u lil hinn. *ITENNI* l-appell tiegħu għal strateġija ta' implimentazzjoni komprensiva. Dan għandu jwitti t-triq għall-Kummissjonijiet li ġejjin, b'mod partikolari l-Kummissjoni 2024-2029 li jmiss, biex jagħmlu progress urġenti fl-indirizzar tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livelli kollha billi jiffukaw fuq il-lakuni u jindirizzaw l-interkonnnessjonijiet, is-sinerġiji u l-kompromessi fl-ispirtu tal-Aġenda 2030, u jippermettilhom jagħmlu dan.
17. F'dan l-isforz, *JILQA' BI PJACĪR* il-ħarsa ġenerali strateġika tar-Rieżami Volontarju tal-UE lejn l-impenji u l-miri tal-UE għall-progress lejn l-SDGs, fosthom miri kwantifikati u marbutin biż-żmien għall-2030, u l-orjentazzjonijiet dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex isir progress fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, b'mod partikolari f'antiċipazzjoni tal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni li jmiss. Madankollu, *JINKORAĠĠIXXI* lill-Kummissjoni tidentifika b'mod aktar ċar sa liema punt l-impenji u l-miri eżistenti tal-UE huma biżżejjed biex tiġi implimentata l-Aġenda 2030 fil-livell tal-UE. *JINNOTA* li strateġija ta' implimentazzjoni komprensiva tista' tagħti opportunità għal tali identifikazzjoni.

18. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tippreżenta rieżami volontarju ġdid tal-implimentazzjoni interna u esterna mill-UE tal-SDGs tal-inqas darba kull erba' snin u mhux aktar tard minn qabel is-Summit li jmiss dwar l-SDGs. Fir-rigward ta' dan l-isforz, *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tistabbilixxi proċess parteċipattiv f'waqtu, miftuħ, trasparenti u fuq diversi livelli għat-tħejjija tar-Rieżami Volontarju tal-UE li jmiss, bl-involvement attiv tal-Kunsill, u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u mal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Linji Gwida tan-NU. *JILQA'* l-fatt li r-Rieżami Volontarju tal-UE fih elementi prospettivi, iżda *JENFASIZZA* li r-Rieżamijiet Volontarji li ġejjin tal-UE għandhom isaħħu r-rwol tagħhom bħala proġetti politiċi u għodod li jħarsu 'l quddiem u li jipprevedu t-tweqqif ta' politiki trasformattivi.
19. *ITENNI* l-impenn sod tal-UE għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet Ministerjali tal-2019 tal-OECD. F'dan ir-rigward, *JAPPELLA* biex ir-Rieżamijiet Volontarji tal-UE li ġejjin jiżviluppaw aktar valutazzjoni aktar komprensiva u aktar kritika tal-kisbiet kif ukoll tan-nuqqasijiet fil-koerenza politika fl-azzjonijiet interni u esterni tal-UE, inkluż sinerġiji u compromessi potenzjali, b'attenzjoni speċifika għall-impatti fuq il-pajjiżi sħab.
20. B'rabta ma' dan, *JISTIEDEN* lill-Eurostat jinkludi analiżi msaħħa tal-effetti konsegwenzjali tal-politiki interni u esterni, inkluż l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs differenti u l-impatt tal-azzjonijiet domestiċi fil-pajjiżi sħab, kif maħsuba mill-SDG 17.14. Ikompli *JINKORAĠĠIXXI* lill-Eurostat jagħti attenzjoni partikolari, fir-rapport annwali tiegħu, lill-impatt tal-politiki tal-UE fuq il-bidliet trasformattivi ewlenin deskritti fir-rapport tal-GSDR tal-2023.
21. *ITENNI* l-importanza ta' proċessi ta' rieżami inklużivi u trasparenti skont il-prinċipju ġenerali li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u ta' bilanċ bejn it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli: id-dimensjoni ekonomika, dik soċjali u dik ambjentali. F'dan ir-rigward, *JILQA' BI PJAĊIR* il-konsultazzjonijiet li l-Kummissjoni kellha mal-Kunsill u mal-partijiet ikkonċernati fit-tfassil tar-Rieżami Volontarju tal-UE iżda *JITLOB*, filwaqt li jqis ir-rwoli u l-prerogattivi istituzzjonali, sforzi msaħħa u aktar trasparenza biex jiġi żgurat li l-eżiti tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jiġu riflessi sew fir-rieżamijiet li ġejjin.

BIEX TISSAĦĦAĦ IL-ĦIDMA U D-DJALOGU BEJN IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

22. Minħabba l-importanza kruċjali tas-seba' snin li ġejjin, *JISĦAQ FUQ* l-importanza tat-tisħiħ tal-interazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni, inkluż l-Eurostat, u l-Kunsill kif ukoll mal-Parlament Ewropew, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, fuq bażi regolari bħala mezz biex titħaffef l-implimentazzjoni kollettiva tal-SDGs fil-livell tal-UE u biex tissaħħaħ il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli.
23. Filwaqt li jibni fuq id-djalogu strutturat regolari mal-Kummissjoni fil-kuntest tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, *JIMPENJA RUĦU* wkoll li jeżamina kif l-aħjar jiġi stabbilit ċiklu ta' ħidma annwali strutturat fuq l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-Kunsill, li jibda bil-pubblikazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni. *JIPPROPONI* sena pilota li tibda bil-pubblikazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali għall-2024 tal-Kummissjoni.
24. *JIMPENJA RUĦU* li jagħti segwitu għar-rapport annwali tal-Eurostat b'rakkomandazzjoni bil-miktub lill-Kummissjoni biex jiġi żgurat segwitu koerenti li jqis l-SDGs li jindikaw xejriet moderati jew negattivi għall-kunsiderazzjoni meta l-Kummissjoni tabbozza l-programm ta' ħidma annwali tagħha. *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-impenn tiegħu, fl-aktar Dikjarazzjoni Konġunta reċenti dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE, li titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u *JIMPENJA RUĦU* li jiżgura li tingħata l-kunsiderazzjoni mistħoqqa lill-implimentazzjoni tal-SDGs fid-djalogu regolari mal-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni, abbażi tal-aħħar Rapport ta' Monitoraġġ tal-Eurostat.
25. *JIMPENJA RUĦU* li janalizza l-proposti leġislattivi magħżula fil-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni li għandhom l-akbar impatt fuq l-SDGs, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lil dawk li jindikaw xejriet moderati jew negattivi. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tippreżenta kif il-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjaw il-proposti leġislattivi magħżulin integraw l-SDGs f'konformità mar-reviżjoni tal-2021 tal-qafas ta' politika għal Regolamentazzjoni Aħjar, biex tiffaċilita l-kunsiderazzjoni mill-Kunsill tal-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni. Fid-dawl tal-valutazzjonijiet tal-impatt, *JIMPENJA RUĦU* li jikkondividi l-analiżi li saret dwar il-proposti speċifiċi u l-impatt tagħhom fuq l-SDGs permezz ta' rakkomandazzjoni bil-miktub lill-korpi rilevanti tal-Kunsill.

26. *JAGĦRAF* li l-qafas tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u soċjali huwa għodda importanti biex il-politiki interni jiġu allinjati mal-Aġenda 2030 u għalhekk *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tikkunsidra valutazzjoni interim ta' dan il-proċess bħala kontribut għall-approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. *JIRRIKONOXXI* wkoll l-importanza ta' għodod antiċipatorji bħal metodi ta' prospettiva li għandhom jissaħħu gradwalment biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-ostakli fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

BIEX JISSAĦĦAĦ L-APPROĊĊ MIN-NAĦA TAS-SOĊJETÀ KOLLHA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

27. *JISSOTTOLINJA* li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 hija responsabbiltà kondiviża li teħtieġ approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha li jkun ankrat fid-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li dawk li qegħdin l-aktar lura jintlaħqu l-ewwel, u għaldaqstant *JIRRIKONOXXI* l-hteġa li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs, biex tissaħħaħ l-għaqda u tiżdied il-viżibbiltà dwar il-ħidma konġunta biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.
28. F'dan ir-rigward, *IĦEĠĠEĠ* lill-Kummissjoni terġa' tistabbilixxi pjattaforma ta' konsultazzjoni permanenti ddedikata li tinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-ħidma tal-UE fuq l-SDGs, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak dinji, bi sħubija inklużiva u rappreżentattiva, biex jiġi ffaċilitat l-approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha biex jissaħħu l-azzjoni fir-rigward tal-SDGs u t-twettiq tagħhom. *JIPPROPONI* li pjattaforma bħal din għandha tkun involuta fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell tal-UE u friżamijiet volontarji futuri tal-UE fil-qafas tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tippreżenta t-tagħlimiet meħuda mill-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati preċedenti, u tibni fuqhom.
29. *JAGĦRAF* l-importanza tal-promozzjoni ta' skambji ta' informazzjoni u eżerċizzji ta' tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri, inkluż permezz ta' networks, strumenti u komunitajiet ta' Prattika eżistenti, anke biex ikunu possibbli l-bini ta' alleanzi u t-titjib tal-azzjoni kollettiva għall-implimentazzjoni tal-SDGs.

30. *JENFASIZZA* l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fi ħdan il-Kunsill, speċjalment fi proċessi ċikliċi speċifiċi, bħat-tħejjija ta' messaġġi politiċi ewlenin qabel kull Forum Politiku ta' Livell Għoli annwali. *JIPPROPONI* li l-messaġġi politiċi ewlenin jiġu miftiehma kmieni fir-rebbiegħa sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-atturi tal-UE fuq bażi volontarja tul is-sensiela ta' avvenimenti li jwasslu għal kull Forum Politiku ta' Livell Għoli annwali. Barra minn hekk, *JIPPROPONI* li l-messaġġi politiċi ewlenin jiġu approvati mill-Kunsill.
-